MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
JOSEPH BONNICI**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 1025/2001/1

**John Lentini ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Shirley Spiteri sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Shirley Spiteri**

**Vs**

**Bernard Cutajar**

**It-Tribunal**

Ra l-avviz ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm337.89c (tlett mija u sebgha u tlettin lira Maltin u disgha u tmenin centezmi) rappresentanti danni sofferti mis-socjeta attrici fl-incident awtomobilistiku fl-14 ta' Mejju, 2000 f' Xatt il-Mollijiet, Marsa bejn il-vettura numru DAH 268 misjuqa minnek u l-vettura numru EBD 768 misjuqa minn u proprjeta tal-assikurata Shirley Spiteri, prevja d-dikjarazzjoni jekk hemm bzonn li l-imsemmi incident gara b' tort unikament tieghek minhabba traskuragni, mprezija

u nuqqas ta’ tharis tar-regolametni tat-traffiku da parti tieghek.

Bl-imghax u bl-ispejjes inkluzi Lm6 tal-konsult u tal-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment kontra s-socjeta’ assikuratrici tieghek, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn ecepixxa illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kontra l-atturi stante illi l-incident awtomobilistiku ‘dequo’ sehh unikament tort tal-attur nnifsu u dan minhabba negligenza, imprezija, imprudenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Ikkunsidra:

Illi a prima vista, il-kollizzjoni in ezami tidher wahda facile di soluzione. L-attur ghaddej fil-main road u l-konvenuta tohrog minn side road. Pero' kif gie stabbilit b’giurisprudenza kostanti – kien main road abuse – x’kien il-kawza prossimattiva tal-incident.

Inoltre jigi rilevat li l-oneru tal-prova tan-nuqqas jew tort tal-konvenuta jespletta lill-attur li qed jallega responsabbilta' fil-konfront taghha.

Bil-mutur tieghu, l-attur qed jissorpassa vettura kbira fuq ix-xellug tieghu pero' fl-istess karreggjata. Din l-vettura waqfet biex thalli lil konvenuta tohrog ghal fuq il-lemin fil-karreggjata opposta. Il-konvenuta qasmet l-ewwel karreggjata, waqfet biex tesplora t-traffiku mix-xellug. Kif rat it-triq vojta biex tohrog qalghet u kien f’dak il-mument li l-mutur u l-vettura habtu. Huwa kontestat min dahal f’min.

X’setghet taghmel aktar milli ghamlet? Il-manuvra tas-sorpass ma kenitx wahda konsiljabbli f’dak l-ambjent ta’ T-Junction, hija espresament projbita bl-Art 181 et seq tal-Highway Code. Il-fatt li kien qed isuq mutur ma jikkoncedi l-ebda privilegg specjali fuq vetturi ohra. Anzi huwa x-xufier taghha li ghandhu jaghti aktar attenzjoni. Huwa

lampanti li l-attur ma kienx qed izomm 'a proper look out' ta' dak li kien qed jigri quddiemu.

F'dan is-sens, isir riferenza ghal decizjonijiet fi "Fogg Ins. Ltd. vs Kevin Schembri" Raymond Azzopardi u Denise Buhagiar" (dec. 30/07/01) u Cecil Ellul vs Joseph Muscat (App. Sup. 6/10/99) l-Onorabbli Qorti tal-Appell stabilit tlett (3) principji:

1. tersaq b'attenzjoni kbira lejn l-inkrocju
2. meta ma jkunx hemm traffiku ghaddej
3. inching out jew tieqaf ghal kollox biex tesplora, tistenna t-traffiku jaghddi u dan it-Tribunal izid, jieqaf biex ihalli tohrog. Hrug b'tali mod u manjiera li jaghti cans lit-traffiku ghaddej biex iwaqqaf. Dan kollu gie kommess mill-konvenuta. L-attur naqas li jipprova li l-konvenuta bis-sewqan taghha ikkagunat u/jew b'xi mod iehor ikkontribwiet ghas-sinistru.

Jiddeciedi billi jilqa' l-eccezzjoni tal-konvenuta, tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra l-attur.

--------------------------------TMIEM--------------------------------